MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## DOREEN CLARKE

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2012

Numru. 421/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Ramon Mercieca]**

**Vs**
**Daniel Farrugia**

**Kumpilazzjoni Numru: 421/2011**

**Illum 3 ta’ Dicembru 2012**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra Daniel Farrugia iben Joseph u Salvina nee Farrugia imwieled Siggiewi f’l-4 ta’ Jannar 1963 u residenti 15 Triq San Gakbu Siggiewi, detentur tal-karta ta’ iodentita numru 61963M,

Akkuzat talli fil-11 ta’ Awissu 2010 kif ukoll fil-perjodu ta’ qabel din id-data f’dawn il-gzejjer gieghel annimal issofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn; u

Akkuzat ukoll talli f’l-istess data, hin, lok u cirkostanzi caqlaq animali minghajr ma ta avviz lis-Servizz Veterinarju.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-artikolu 35(c)(iii) tal-Kapitolu 437 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 8(2) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet il-provi.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imutazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, il-fatti li fuqhom huma bbazati l-imputazzjonijiet, kif ukoll ic-cirkostanzi personali ta’l-imputat; hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fedina penali ta’l-imputat li ghalkemm mhiex netta lanqas m’hi wahda allarmanti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikolu 35(c)(iii) tal-Kapitolu 437 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 8(2) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammisjoni ssib lill-

imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija li b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jigu sospiezi ghal perjodu ta’ sena (1), kif ukoll multa ta’ hames mitt Euro (€500) li ghandha tithallas f’pagamenti mensieli ta’ hamsa u ghoxrin Euro (€25), l-ewwel pagament ghandu jsir f’l-10 ta’ Jannar 2013.

Il-Qorti spjegat lill-imputat l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------